MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-17 ta' Awwissu, 2013

Numru. 774/2013

## SPETTUR ROBERT SAID SARREO
## VS
## CAROLINE HAIDON

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Caroline Haidon ta’ 29 sena, bint Robert u Carmen nee’ Callus, mwielda Pieta’ fil- 25 ta’ Ottubru 1983, residenti 118, New Beginning, Triq il- Hamrija, Marsaskala u detetrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 537583M;

Talli b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess disposizzjoni tal- ligi, u liema atti gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda u cioe’;

1) Talli nhar it- 2 ta’ Awwissu 2013, ghal habta ta’ bejn l- 10.00am u l- 10.30am minn gewwa il- Bajja ta’ San Tumas, Marsaskala, ikkommetta serq ta’ 2 basktijiet b’

diversi oggetti fihom, ghad- detriment ta’ Anthony Busuttil, Chantelle Bianco u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil- valur li jaqbez €232.94 izda mhux aktar minn €2,329.40;

2) Talli fil- 15 ta’ Awwissu 2013, ghal habta tal- 5.30pm minn gewwa l- Bajja ta’ San Tumas, Marsaskala, ikkommetta serq ta’ 3 basktijiet b’ diversi oggetti fihom ghad- detriment ta’ Josephine Gauci, Frangiska Galea, Marianne Spiteri u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil- valur li jaqbez €232.94 izda mhux aktar minn €2,329.40;

3) Talli nhar il- 15 ta’ Awwissu 2013 ghal habta tas- 6.30pm minn gewwa l- Bajja ta’ San Tumas, Marsaskala, ikkommetta serq semplici ta’ basket b’ diversi oggetti fih, ghad- detriment ta’ Noemi Bugelli u/jew persuna/i ohra;

4) Talli matul ix- xahar ta’ Lulju 2013 minn gewwa l- Bajja ta’ San Tumas Marsaskala, ikkommettiet diversi serqiet ohra ta’ basktijiet b’ diversi oggetti fihom ghad- detriment ta’ diversi sidien li l- identita’ taghhom mhux maghrufa;

5) Talli nhar il-15 ta’ Awwissu 2013 u matul ix- xhur ta’ qabel gewwa dawn il- gzejjer, xjentement xtrat jew laqghet ghandha oggetti misruqa u cioe diversi basktijiet, telefons cellulari u oggetti ohra, mehuq b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’ kull mod iehor li tkun indahlet biex tbieghu jew tmexxih, liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil- valur li jeccedi €232.94 izda ma jeccedix €2,329.00;

6) Talli nhar il- 15 ta’ Awwissu 2013 kisret il- provedimenti ta’ sentenza sospiza moghtija fil- konfront taghha mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Doreen Clarke LL.D datata 4 ta’ Awwissu 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

7) Talli nhar il- 15 ta’ Awwissu 2013, irrendiet ruhha recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 261, 267, 284, 334, 28A, 28B, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputata hatja u ghaldaqstant, filwaqt li tastjeni minn li tiehu provvediment dwar is- sentenza sospiza datata 4 ta’ Awwissu 2013, ai termini tal-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kap 9;
Tikkundannaha tmintax- il xahar (18) prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------